**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 199/97

Sandra Gravino

vs

Direttur ta' l-Edukazzjoni

Illum 3 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi dan l-ilment hu bazat fuq diskriminazzjoni u vessazzjonijiet dwar hrug ta' permess ta' kindergartgen tar-rikorrenti, u minhabba tali agir, ir-rikorrenti sabet ruhha minghajr tali permess.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn: F'April 1992, il-kundizzjonijiet rikjesti ghal permess ghal ftuh ta' skola inkisbu mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. F'Mejju ta' l-istess sena saret l-applikazzjoni ghal Kinder Key School. L-approval tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll tad-Dipartiment tas-Sahha gie moghti fil-5 ta'

Ottubru 1992 u fl-24 ta' Frar 1993 rispettivament. Sar notament fil-file tal-Onor. Ugo Mifsud Bonnici fit-13 ta' Mejju 1993.

Sandra Gravino pprezentat ic-certifikati kollha rikjesti mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ghal head of school. L-istess Dipartiment tawha x'tifhem illil hija kellha il-kwalifiki kollha necessarji ghal dan il-ghan u qatt ma giet informata bil-kontra minn naha ta' l-istess Dipartiment. Fil-fatt hija kellha aktar kwalifiki minn dak li kien qed jigi rikjest.

Kien biss hafna aktar tard li hija giet infurmata illi fil-fatt ma kellhiex il-kwalifiki kollha mehtiega ghaliex ma kellhiex permanent teacher's warrant. Fil-fatt fl-istess zmien kien hemm erba persuni ohra li kellhom dan il-warrant u xorta wahda gew michuda il-permess ghal xi raguni jew ohra hlief ghas-Sur Joseph Bezzina fl-24 ta' Settembru 1994. Kien biss f'din id-data li Sandra Gravino giet infurmata illi hija kellha tikseb il-permess tal-Planning Authority ghal ftuh ta' l-iskola, liema permess fil-fatt hija ma kisbitx.

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni informa lil Sandra Gravino li kellha bzonn permanent teacher's warrant biex tkun tista tiftah l-iskola sena u nofs wara li kienet saret l-applikazzjoni. Fil-fatt din ma tidhirx li kienet raguni valida ghaliex persuna ohra, Charmaine Grixti li kellha dan il-warrant xorta wahda ma gietx moghtija il-permess biex tiftah l-iskola ghar-raguni li ma kellhiex esperjenza. L-istess kien gara lil certu Oliver Pace. Fil-fatt minhabba dan id-dewmien dahhlu in forza ir-regolamenti il-

godda li bihom kien hemm bzonn il-permess mill-Planning Authority biex tinfetah l-iskola. Kieku bhal ma gara fil-kaz ta' Frances Agius fejn id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni harget il-permanent warrant numru 2638 f'Settembru 1988 meta hija ma kenitx tikkwalifika ghal tali warrant, kieku ma kienx ikun hemm il-bzonn ta' l-indhil ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Sanrda Gravino tishaq illi hija giet diskriminata minn naha tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni minhabba il-kulur politiku taghha. Fil-fatt hemm provi cari illi juru illi s-sinjorina Carabott li kienet l-ufficjal responsabbli ghas-settur ta' l-iskejjel privati fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni kienet pregudikata f'dan is-sens.

Finalment kieku s-sinjura Gravino ma gietx moghtija informazzjoni hazina minn naha tad-Dipartiment tant illi dan wassal f'dewmien li ppregudika l-applikazzjoni taghha ghall-iskola privata li riedet tiftah hija kienet tiftah l-istess skola kif infethu minn nies ohra li applikaw maghha minghajr ma kien ikun hemm bzonn l-applikazzjoni ghal permess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Inoltre gie sottomess li l-kwistjoni tal-kap tal-kindergarten bil-permanent warrant ma kienx mehtieg skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti kien bi hsieba li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi primarjament, l-idea li l-licenzja ma nhargitx fiz-zmien li wiehed kien jistenna m'ghandhiex assolutament tigi attribwita ghal xi diskriminazzjoni politika jew ta' xi natura ohra kif jidher car mill-esposizzjoni tal-fatti hawn taht u kif jigi kkonfermat waqt il-proceduri tal-kawza.

Illi l-fatt li mhabba fihom il-licenzja ma hargitx kienu dawn:

**1.** Minkejja li l-Awtoritajiet tas-Sahha hargu l-permess taghhom fl-24 ta' Frar 1993 biex il-bini ta' l-applikanta jintuza bhala skola, ir-rapport ta' l-Perti inkarigat mill-iskejjel li jgib id-data tat-3 ta' Mejju 1993 jaghti prova li l-post, kien ghad mhux lest biex jilqa' t-tfal go fih.

"Gate to staircase has to be provided" - "Gates and balconies have to be fixed on the 1st floor at ground level". "At ground level premises have only the entrance and staircase (Ara dokument A mehmuz)

Allura ma setghetx tinhareg licenzja sakemm jigi deciz li l-post kien lest biex jilqa t-tfal.

**2.** Sadanitattant gie ffurmat Board biex jiddeciedi l-applikazzjonijiet ghall-licenzja ghall skejjel godda (Ara dokument B mehmuz).

**3.** Fit-13 ta' Lulju 1993 dan il-Board irrakkomanda illi l-kwalifiki minimi li kellhom jintalbu minn persuna biex tigi approvata bhala Kap ta' skola li tibda mill-livell Pre-Primarju kellhom ikunu:

**a)** Warrant Permanenti ta' Ghalliem

**b)** Certu ammont ta' esperjenza amministrattiva (Ara dok C mehmuz).

**4)** Il-kwalifiki li kellha Mrs. Sandra Gravino, la kienu jinkludu Warrant Permanenti ta' ghalliem kif ipprovdut fit-tieni parti ta' l-att XXIV ta' l-1988 (l-Education Act, Taqsima Warrants tal-Ghalliema - u lanqas ma kellha l-ebda esperjenza amministrattiva. Altru li ma kellhiex aktar kwalifiki milli kien rikjest kif isostni r-rikors.

**5)** Minn Awissu ta' l-1993 sas-7 ta' Lulju 1994 l-Assistent Direttur Ms. M. T. Carabott baqghet tibghat lir-rikorrenti ittri perjodikament biex tfakkarha li kien ghad jonqosha tipproponi Head li jista jigi jiew tigi approvata (ara dokument D, E I F mehmuzin).

**6)** F'daqqa wahda mit-28 ta' Settembru 1994, izjed minn sentejn minn wara li kienet saret l-applikazzjoni (6 ta' Mejju 1992) ir-rikorrenti pproponiet sensiela ta' "Heads" ghall-iskola taghha. L-ewwel proposta fit-28 ta' Settembru 1994 kienet ta' Ms. Mary Scerri li kienet "ex-Cutting Out Instructress" iritrata. Din kellha warrant permanenti pero' ma kellhiex edukazzjoni akkademika u lanqas ma kellha esperjenza amministrattiva. Allura ma setghetx tigi approvata. (Ara Dok G mehmuz).

**7)** Gie propost ukoll mhux bil-miktub fl-istess zmien is-Sur Oliver Pace li kien diga Kap tal-Kullegg St. Albert the Great u allura ma setax ikun Kap ta Skola ohra fl-istess hin. Dan ukoll ma setax jigi approvat.

**8)** Fl-istess zmien giet proposta Ms. Charmaine Grixti mhux bil-miktub. Din ukoll ma setghetx tigi approvata ghax ma kellhiex esperjenza adekwata ta' taghlim lanqas ma kellha esperjenza amministrattiva.

**9)** Fit-30 ta' Settembru 1994 gie propost bhala Kap is-Sur Joseph Bezzina (ID 136131) Ex Kap ta' Skola Primarja tal-Gvern li kien irtirat. Dan gie approvat ghax kellu Warrant Permanenti u esperjenza amministrattiva u ta' taghlim (ara dok H u I mehmuzin).

**10)** Pero' sadattant kien hemm bzonn tal-permess ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex l-applikazzjoni tkun tista' tigi kkunsidrata u peress illi ma kienx hemm dan il-permess l-applikazzjoni ma setghetx tigi approvata.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta li dan t-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondat fil-fatt u fid-dritt. Anzi l-intimat ghamel dak kollu li seta' biex jikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrenti bl-akbar espedjezz u fil-parametri li ttih il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ikkonfermat il-fatti imsemmija fir-rikors. Semmiet li kienet fethet kindergarten f`Gunju tal-1992 u kella taghalqu fi Frar 1997 minhabba ordni tal-Planning Authority. Anqas biss kienet tezisti l-Planning Authority meta fethet. Licenzja tal-Education Department meta fethet ma kellix. Il-post originarjament kien flats u kien gie konvertit. Kienu gew l-

inspectors tal-Education u konna hadna l-pariri taghhom. Kienet fethet l-iskola minn jeddha pero` l-awtoritajiet kienu jafu biha.

Kienet marret tistaqsi lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni x'kienu l-kundizzjonijiet biex tista' tiftah kindergarten ghal habta ta' April 1992. Tawha l-kundizzjonijiet li kienu dawk annessi bhala Dok A [a fol 31]. Ipprezentaw l-applikazzjoni [fol 32 – 34] lil Ms. Carabott tal-Education fis-6 ta' Mejju 1992. Ma kien hemm l-ebda kwistjoni li kella bzonn "warrant' bhala kap tal-iskola.

Mrs. Carabott kienet qaltilhom li b'5 'A' Levels, u 11 'O' levels u hames snin teaching experience fic-Chiswick School, certament li kella l-kwalifiki mehtiega biex tmexxi l-iskola. Ftit wara gie perit, presumibilment mid-Dipartiment tal-edukazzjoni u ordna li jsir xi tibdil fil-bini……..Fost dawn kien hemm li jridu ikun hemm toilets ghat-teachers, u toilets ohra ghas-subien u ghall-bniet f'kull sular, u xi xoghol iehor. Il-post gie ezaminat mis-Sanita' permezz ta' Felix Zahra, kif ukoll marru l-Pulizija. Fil-5 ta' Ottubru 1992, l-Assistent Kummissarju Gauci informa lill-Education Department li ma kellhom l-ebda oggezzjoni [fol 35]. Fil-21 ta' Jannar 1993 Ms. Carabott infurmat lis-Sanita' li x-xogholijiet kollha kienu saru. Fl-24 ta' Frar 1993, is-Sanita' kitbet lill-Education Department u qaltilhom li ma kienx hemm l-ebda oggezzjoni [fol 37]. Ms Carabott kitbet fit-18 ta' Awissu 1993 li kienet lesta li taghti l-licenzja fuq certi kundizzjonijiet li kienu:

a) li ma jkunx hemm oggezzjoni dwar il-bini mill_Education, mis-Sanita u mill-Pulizija.

b) li l-Kap ikollu permanent warrant.

L-oggezzjoni ghalhekk saret li l-Kap ma kellhiex permanent warrant, u wara sena u erba' xhur kien l-ewwel darba li qamet din il-kwistjoni. Meta missier ir-rikorrenti mar personalment bic-certifikati ta' Mr Joseph Bezzina, Ms Carabott qaltlu li kollox sew imma issa kien inholoq bzonn iehor, u cioe' l-permess tal-Planning Authority. Applikat ghand il-Planning Authority u din irrifjutat.

Sostnit li fil-kaz ta' Frances Agius, ta' Inez Ville, Myrtle street, Fgura, minkejja li ma kellhiex permanent warrant inghatat permess tiftah skola fl-1988. Ms Jacqueline Tanti Dougal ta' Little Sisters Playschool, 127 St Joseph Street, Tarxien, applikat fit-22 ta' Settembru 1993, u minkejja li ma kellhiex permanent warrant. L-iskola fethet u thalliet tkompli topera anke tlett snin wara li nfethet. Kaz iehor fejn il-Kap m'ghandhiex permanent warrant huwa ta' Annalise Coppini ta' Noddy's playschool, Sliema. It-temporary warrant taghha ghandu in-numru 324, u l-permess inghata minghajr inkwiet.

Ir-rikorrenti in kontro ezami xehdet li l-bini originali kien mibni bhala block of flats. Kien fl-1997 li applikat ghac-"change of use." Il-permess tal-Planning Authority ma harigx u gie rifjutat finalment. Bejn l-1992 u l-1997 kienet topera regolarment ghalkemm ma kellix il-licenzja tal-Education pero` l-Education kienet taf biha.

Mario Cacciattolo Direttur Finanzi u Amministrazzjoni fid-Divizjoni tal-Edukazzjoni xehed dwar Jacqueline Tanti Dougall u ipprezenta kemm l-applikazzjoni kif ukoll il-permess tal-Planning Authority tal-imsemmija Tanti Dougall [fol 59 – 63]. Esebixxa zewg dokumenti relattivi ghal Annalise Frendo riferibbli ghal Noddy`s Playschool [fol 64 – 65 ]. Il-permess huwa relattiv ghal Kindergarden Schools.

Ms Marie Therese Carabott li kienet tahdem fid-Dipartiment tal-Edukazzjon bhala Assistant Director of Education in charge of the private sector xehdet li kienet saret applikazzjoni mir-rikorrenti. Hi kienet spjegajtilha verbalment li jkun necessarju li wiehed jezamina l-premises kif ukoll wiehed ikun irid jezamina l-persuna li sejra tkun kap u sejra tmexxi l-iskola, u necessarjament ikollha l-kwalifiki mitluba.

Kitbet lill-Pulizija u lis-Sanita`. Minghand il-Pulizija kienet ircevit fil-5 at` Ottubru 1992 fejn kienu qalula li ma hemmx adverse remakrs. Semmiet dwar l-ittri tas-Sanita'. Ziedet li f` Awissu kienet kitbet lir-rikorrenti fejn qaltilha li l-premises kienu cleared pero`kien ghad fadal il-problema tal-head u li kienet inizjalment qaltilha li dan huwa wiehed mir-rekwiziti. Li gara hija li ma kellha ebda wiehed mill-persuni li semmiet li kellu l-permanent warrant kif talbu. L-uniku wiehed li kellu permanent warrant kien ukoll il-kap ta` St. Albert the Great College li naturalment allura ma setax ikun kap ta` zewg skejjel fl-istess hin.

Sadanittant saru jafu bil-ligi tal-Planning Authority li ghalkemm fil-fatt bdiet tapplika mill-1992 saru jafu biha f` dak l-istadju u ghalhekk attiraw l-attenzjoni ta` Sandra Gravino ghar-rekwiziti tal-istess Att tal-1992. Ghalhekk dahlet il-problema l-gdida tal-Planning Authority u kitbu lil Sandra Gravino fuq dan l-aspett ukoll u ghalhekk approval qatt ma kien lahaq hareg ghax wehlet mal-Planning Authority.

Dwar l-applikazzjoni ta` Jacqueline Tanti Dougall kien hemm anke l-approval tal-Planning Authority pero` din kienet ghal numru zghir ta` tfal xi 10. Sakemm damet fid-dipartiment ma harigx il-permess. Fil-fatt proposed school appuntu in kwistjoni l-head kienet Jacqueline Tanti Dougall li kellha BA in Law & Administration u wkoll BA General in English, Psychology, Classical Literature u History of Mediterranean Civilisation. Peress li kellha s-Psychology kienu jaccetawha bhala head. Ukoll kellha teaching experience precedentement. Hi kienet ilha tahdem bhala Kindergarden Assistant mill-21 ta` Dicembru, 1977. Hi wkoll kienet ghamlet il-pedagogy course u ghalhekk kellha l-kwalifiki rikjesti.

Ikkunsidra

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti applikat ghal permess ghal skola tal-kindergarten fis-6 ta’ Mejju, 1992 wara li kienet kellmet lill-Assistant Direttur tal-Edukazzjoni. Din damet xahrejn u nofs biex tikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u Sanita’ biex tara hemmx oggezzjoni. Din l-ittra hi semplici formola ta’

pagna wahda. Dak li qieghed jinghad hawn mhux biex jirrifletti fuq xi hadd in partikolari ghax it-Tribunal jista', jekk hemm, jara htija tad-Dipartiment u mhux tal-individwu ghax biex jaghmel dan irid jistudja l-workload ta' kull individwu biex jara kienx hemm dewmien mill-parti tieghu. Zgur li d-Dipartment ha xahrejn u nofs biex mela semplici formola u baghatha – xoghol, ta' mhux aktar minn kwarta kollox! Hemm zmien ta' xahar u nofs biex gew moghddija pjanti lis-Sanita' izda ma irrizultax car jekk kinitx ir-rikorrenti li damet ma hadithom jew l-Edukazzjoni li dam ma baghathom. Zgur li Dipartiment iehor tal-Gvern – is-Sanita' [li pero' mhux parti fil-kawza] dam xahrejn [u b'hekk wasalna ghall-ahhar ta' Novembru 1992] biex ikkonkluda li jonqos staff room ghat-teachers u xi toilets! Is-Sanita' xahar wara indunat li ghamlet zball fir-rekwiziti imposti, u fid-19 ta' Jannar 1993 ix-xoghol kien lest. Is-Sanita' regghet damet xahar iehor biex tikkonferma dan. Tlitt xhur wara saret il-vizita mill-Education Department fuq il-post; tlitt xhur wara l-Education kiteb dwar il-Head of School. Ir-rikorrenti stess damet tlitt xhur biex kitbet u sadanittant baqghat thaddem l-iskola mhux b'Head kwalifikat. F'dan l-istadju lehqet kienet ilha zmien li bdiet tapplika il-ligi dwar il-Planning Authority u inharget l-enforcement notice u ghalhekk giet maghluqa l-iskola u konsegwentement saret il-kawza odjerna.

Certament jirrizulta li saret ingustizzja mar-rikorrent mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u aktar minn dak tas-Sanita' fid-dewmien esagerat, izda id-Dipartiment tas-Sanita' mhux fil-kawza. Lanqas tista' ir-rikorrent taghti t-tortijiet kollha lill-

Awtoritajiet jekk hi kellha post li ma kellux il-facilitajiet kollha u ma kellix ir-rekwiziti kollha ta' kwalifiki, izda ghazlet li tiftah u toqghod ghaddejja bl-isperanza li kollox jibqa' ghaddej. Ic-cirkostanzi li semmiet ta' nies ohra huma differenti ghax fil-kaz ta' Tanti Dougall din kellha l-permess tal-Planning Authority u kellha kwalifici akademici superjuri ghal dawk tar-rikorrenti; fil-kaz ta' Annalise Frendo il-permess mahrug fl-1987.

Fil-kawza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru" deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 intqal li:

"Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti" [Law of the European Convention on Human Rights - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, Law and Practice of the European Convention on Human Rights - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Ghalhekk jirrizulta li f'dan il-kaz hemm nuqqasijiet tar-rikorrent, tad-Direttur tal-Edukazzjoni bhala responsabbli ghad-Dipartiment tieghu, u tas-Sanita' li pero' mhix fil-kawza. Is-

Sanita' certament ma tistax tigi ikkundannata ghax mhix fil-kawza. Ir-rikorrenti iddikjarat fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2000 li t-talba tar-rikorrenti llum hi limitata ghal kumpens stante d-diffikultajiet ghall-esekuzzjoni. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat parzjalment, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat.